# SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2003

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 3 | SOCIAL STUDIES | TIME: 1hr 30mins |
|---|---|---|

Name: ______________________________ Class: _______________

**A. Agħti sens lis-sentenzi li ġejjin billi timla kelma mil-lista:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ċittadinanza | identita’ | dixxiplina | ġustizzja soċjali | solidarjeta’ |
| opportunitajiet | konsumatur | mass media | xogħol volontarju | saħħitna |

1. L-istat iħares ____________________________ billi jipprovdi servizzi fiċ-ċentri u sptarijiet.
2. Jien jkolli ____________________________ tal-pajjiż fejn nitwieled.
3. Kulħadd huwa ____________________________ għax kulħad għandu bżonn jixtri.
4. Il- ____________________________ timmira li kulħadd jieħu mill-ġid tal-pajjiż skond il-bżonn tiegħu.
5. L- ____________________________ turi min aħna bil-kultura tagħna.
6. Permezz tal- ____________________________ nsiru nafu x’qed jiġri madwar d-dinja.
7. Min jaħdem għall-ġid ta’ bnedmin oħra fis-soċjeta’ mingħajr flus ikun qed jagħmel ____________________________.
8. Is- ____________________________ ma’ min hu fil-bżonn huwa d-dmir tagħna lkoll.
9. Soċjeta’ fejn kulħadd għandu l-istess ____________________________ hija soċjeta’ ġusta.
10. Fil-familja u fl-iskola s-sens ta’ ____________________________ jgħinna biex insaħħu l-karattru tagħna u nkunu kapaċi ngħidu “LE” lil min jagħmlilna l-ħsara.

**(1 x 10 = 10 marki)**

**B. Agħżel it-tajba billi tagħmel sing taħtha:**

1. X’jiġifieri tkun ċittadin/a tajjeb?
   (a) nixtri l-affarijiet li rrid (b) niekol u nixrob. (ċ) nobdi l-liġijiet. u naqdi dmiri.

2. X’inhuma l-valuri ċiviċi?
   (a) għajnuna lill-oħrajn. (b) tpinġija u arti. (ċ) divertiment u tgawdija.

3. X’inhi l-identita’ nazzjonali?
   (a) tagħrafna bħala ħaddiema. (b) tagħrafna bħala Maltin. (ċ) tagħrafna bħala familiji.

4. X’inhuma drittijiet?
   (a) dak kollu li nara. (b) dak kollu li nista’ nixtri. (ċ) dawk il-jeddijiet li tagħtini s-soċjeta’.

5. X’inhuma d-dmirjiet?
   (a) dak li għandi naħseb. (b) dak li għandi nifhem. (ċ) dak li nħoss li għandi nagħmel.

**(1 x 5 = 5 marki)**

**Ċ. <u>Aqra u wieġeb il-mistoqsijiet</u>:**

Billi pajjiżna huwa żgħir, għandna problema kbira ta' l-iskart. Kull min jgħaddi minn Baħar Iċ-Ċagħaq mal-ewwel jara dik il-muntanja ta' ġebel, trab, żibel u raċanċ li narmu aħna l-Maltin. Dan biex ma nsemmux il-plastik, iż-żjut u materjal ieħor li huwa tossiku jew velenuż għax jagħmel ħsara lil saħħitna. U xi ngħidu għall-exost tal-karozzi u kif hawn xi postijiet f'Malta li għandhom livell għoli ta' ċomb fl-arja, billi l-ammont ta' traffiku li jgħaddi minn hemm huwa kbir? L-istorbju tat-traffiku huwa problema oħra, kif ukoll id-diżgrazzji li qed ikollhom ħafna żgħażagħ, ġieli wkoll fatali, għax imutu jew jibqgħu mmankati. Mela rridu nibdew nisseparaw l-iskart fid-djar tagħna, u rridu nużaw aktar it-trasport pubbliku u nnaqqsu l-użu tal-karozzi privati. Fl-aħħar inkunu bdejna ……………………INĦARSU SAĦĦITNA.

1. X'inhu skart? ________________________________________ (5)

2. Semmi tliet affarijiet li narmu fil-landa taż-żibel? (a) ______________________

   (b) ______________________ (ċ) ______________________ (3)

3. Riċiklaġġ tfisser terġa' tuża l-materjal skart. Semmi żewġ materjali li jistgħu jiġu reċiklati.

   (a) ______________________ (b) ______________________ (4)

4. Semmi żewġ problemi li qed joħloq it-traffiku f'pajjiż żgħir bħal tagħna.

   (a) ______________________ (b) ______________________ (4)

5. Xi Kunsilli Lokali diġa' qed jisseparaw, jiġifieri jagħżlu l-iskart, f'erba' partijiet differenti.

   Semmihom ____________ ____________ ____________ ____________ (4)

**(20 marka)**

**D. <u>Aqra u qassam fi tliet listi skond ix-xogħol li jagħmlu</u>:**

Ix-xogħol kollu li jagħmlu l-ħaddiema Maltin nistgħu naqsmuh fi tliet setturi prinċipali. Fl-ewwel settur hemm dawk li jaħdmu xogħol li għandu x'jaqsam man-natura, it-tieni settur dawk li jaħdmu fil-manifattura tal-prodotti u t-tielet settur jiġbor fih dawk il-ħaddiema li jagħtu xi servizz billi jaqdu lil ħaddieħor.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| skrivan | għalliem | ħajjata bil-magni | bidwi | sajjied |
| wejter | supervisor | tal-barrieri | xogħol tat-tifsil | tan-nuċċalijiet |
| tal-gallettini | ifittxu ż-żejt | fil-foresti | tabib | infermier |

| **L-EWWEL SETTUR (riżorsi naturali)** | **IT-TIENI SETTUR (manifattura)** | **IT-TIELET SETTUR (servizzi)** |
|---|---|---|
| ________ | ________ | ________ |
| ________ | ________ | ________ |
| ________ | ________ | ________ |
| ________ | ________ | ________ |
| ________ | ________ | ________ |

**(5 x 3 = 15-il marka)**

**E. <u>Int taf tgħid "LE" meta ssib ruħek f'sitwazzjoni bħal din</u>?**

1. Xi ħadd joffrilek sigarett. (Xi ħsara jagħmlu s-sigaretti?) ____________________

____________________________________________

2. Iħajruk biex tixrob xorb alkoħoliku. (Xi ħsara jagħmel ix-xorb?) ________________

____________________________________________

3. Jittantak biex tieħu xi sustanza perikoluża bħad-drogi. (X'jagħmlulek id-drogi?)

____________________________________________

4. Jgħidulek biex ma tagħtix każ ta' l-iskola. (Għaliex l-iskola u l-istudju huma importanti?)

____________________________________________

5. Jgħidlek li r-rispett tgħaddi mingħajru. (Għaliex għandna nirrispettaw lil xulxin?)

____________________________________________

**(2 x 5 = 10 marki)**

**F. <u>Kompli s-sentenza biex tagħmel sens</u>:**

1. Aħna bħala ċittadini għandna d-dmir ____________________
2. Inħarsu saħħitna billi ____________________
3. Il-konsumatur irid joqgħod attent ____________________
4. Biex nibżgħu għall-ambjent ____________________
5. Mhux kull ma nara fuq it-T.V. ____________________

**(1 x 5 = 5 marki)**

**Ġ. <u>Għal kull Dritt hemm Dmir: Imla l-vojt billi tikteb xi dritt jew dmir li għandek int</u>:**

**Eż.** Għandi <u>dritt</u> għat-tagħlim u l-edukazzjoni, IŻDA għandi <u>dmir</u> li nistudja u nirsisti fl-iskola.

1. Għandi dritt li jkolli opinjoni tiegħi IŻDA għandi dmir li ____________________.
2. Għandi dritt ____________________ IŻDA għandi dmir li nagħti sehmi fil-familja.
3. Għandi dritt nara t-T.V. fil-ħin ħieles, IŻDA għandi dmir ____________________.
4. Għandi dritt ____________________ IŻDA għandi dmir li nħallas t-taxxi.
5. Għandi dritt li nsib in-nadif kullimkien IŻDA għandi dmir ____________________.

**(2 x 5 = 10 marki)**

**G. <u>Imla l-vojt b'kelma li tagħmel sens</u>:**

______________________ huwa importanti ħafna f'ħajjitna, għax permezz tiegħu naqilgħu l-għixien tagħna. Hemm ħafna tipi ta' xogħol: tal- ______________________ u ta' l-id. Iżda kull xogħol hemm bżonnu ____________________. Permezz tax-xogħol niskopri ____________________ tiegħi u nara x'kapaċi nagħmel. Meta nagħmel ix-xogħol tiegħi sew inkun qed naqdi ____________________, u nkun qed ngħin mhux biss lili nnifsi iżda wkoll lil __________________________. Iżda s-soċjeta' trid taħseb ukoll f'dawk li ma jifilħux jaħdmu bħall- ______________________ u ______________________. F'dan il-każ _____________________ għandna nagħtuhom l-għajnuna u nuru ______________________.

**(1 x 10 = 10 marki)**

**GĦ. <u>Ikteb madwar 150 kelma fuq WIEĦED minn dawn</u>:**

1. Bħala ċittadin/a Malti/ja għid kif is-soċjeta' qed tgħin lilek u x'inhu d-dmir tiegħek lejn l-istess soċjeta'.
2. Semmi tliet tipi ta' xogħol differenti: wieħed li jaħdem man-natura, l-ieħor ġo fabbrika u l-ieħor billi jaqdi lin-nies. Għid kif kull wieħed minnhom huwa bżonnjuz għas-soċjeta'.
3. Ħafna mill-istazzjonijiet tar-radju u t-televiżjoni moħħhom fil-mużika u d-divertiment. Iżda dawn suppost jedukaw u jgħallmu wkoll. Taqbel?
4. Semmi tliet perikli għal saħħitna li għandna fis-soċjeta'. Inti x'esperjenza għandek u x'taħseb li jista' jsir?
5. L-Istudji Soċjali bħala suġġett qed jippreparani għall-ħajja. Kif qed jagħmel dan?
6. Tkellem dwar xi proġett li għamilt, jew xi attivita' oħra ta' l-iskola u għid x'tgħallimt minnha.

**(15-il marka)**